**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2021 – bett1.de vs EUIPO – XXXLutz Marken (Body-Star)**

**(Kawża T-599/21)**

(2021/C 452/58)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* bett1.de GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Brexl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* XXXLutz Marken GmbH (Wels, l-Awstrija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Body-Star – trade mark tal-Unjoni Nru 17 711 748

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 1712/2020-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-21 ta' Settembru 2021 – WP *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-604/21)**

(2021/C 452/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* WP, WQ, WR (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2020 tal-PMO.4 li tirrifjuta t-talba mressqa fl-14 ta' Settembru preċedenti f'isem il-mejjet sabiex tintalab ir-restituzzjoni tad-drittijiet tiegħu għal pensjoni nazzjonali ttrasferiti lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni flimkien mal-interessi li akkumulaw fuq id-drittijiet tiegħu matul dawn is-snin kollha u sar-rimbors sħiħ;

— tannulla, sa fejn ikun hemm bżonn, id-deċiżjoni ta' ċaħda espliċita tal-15 ta' Ġunju 2021 tal-ilment imressaq f'isem il-mejjet fil-15 ta' Frar 2021 li t-tkomplija tiegħu permezz tas-suċċessjoni ġiet ikkomunikata fil-25 ta' Mejju 2021;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu min-naħa tal-konvenut.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn l-applikazzjoni, mill-konvenut, tal-prinċipju ta' arrikkiment indebitu kif stabbilit fil-ġurisprudenza hija differenti mill-implimentazzjoni tal-istess prinċipju minn istituzzjonijiet oħra f'sitwazzjonijiet li, madankollu, huma identiċi.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2021 – Bunzl *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-475/19)** [1]

(2021/C 452/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 312, 16.9.2019

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2021 – BT Group u Communications Global Network Services vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-482/19)** [1]

(2021/C 452/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 312, 16.9.2019

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2021 – Stagecoach Group vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-754/19)** [1]

(2021/C 452/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 27, 27.1.2020